7 ta' Mejju, 1957

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Imħallef:—

**Avukat Dr. Albert Ganado ne.** *versus* **Avukat Dr. Edoardo Vassallo ne.**

**Legat Rimuneratorju — Serviġi — Preskrizzjoni — Art. 2254(d) u 885 tal-Kodiċi Ċivili**

*Fil-każ ta' azzjoni għall-ħlas ta' legat imħolli mit-testatur favur l-attur bħala kumpens ta' serviġi minn dan reżi lit-testatur, mhix applikabbli għall-azzjoni preskrizzjoni ta' ħames snin, li tolqot l-azzjoni għall-ħlas ta' serviġi, imma dik ta' għaxar snin, li tolqot l-azzjoni ta' petizzjoni ta' legat. Għax ma jkunx jittratta minn azzjoni ta' likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens għal serviġi jew prestazzjonijiet, iżda minn azzjoni għall-eżekuzzjoni ta' legat imħolli mit-testatur.*

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tagħha tas-7 ta' Frar 1955, fejn jinsabu miġjuba t-talbiet tal-attur nomine u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Vassallo nomine u dawk tal-konvenuta Bice Borg, u li biha ġiet respinta, bl-ispejjeż kontra tagħha, l-ewwel eċċezzjoni ssollevata minn din l-aħħar konvenuta, ċjoè li l-konvenut Avukat Dottor Vassallo għandu jiġi maħruġ mill-kawża għaliex it-talbiet tal-attur in kwantu diretti kontra tiegħu huma barra minn lokhom, billi huwa ma jistgħax ikollu rappreżentanza ġudizzjali bħala eżekutur testamentarju, meta fil-kawża jinsabu ċitati l-eredi;

Ikkunsidrat;

Illi għat-talba tal-attur nomine, biex jiġi lilu mħallas il-legat rimuneratorju msemmi fiċ-ċitazzjoni, il-konvenuta topponi l-preskrizzjoni kwinkwennali;

Ikkunsidrat, rigward din l-eċċezzjoni;

Illi fl-art. 13 tat-testment tagħha, fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tat-8 ta' Diċembru 1944, Marianna Debono dei Conti Ciantar ħalliet legat rimuneratorju ta' £50 kull sena għall-aħħar erbatax il-sena minn dak inhar tat-testment lil Alberto Demartino, u dan b'sodisfazzjon ta' kull ma huwa għamel magħha, jiġifieri, kif it-testatriċi ddikjarat fl-imsemmi artikolu tat-testment, in vista li mis-sena 1930, meta kien miet ħuha Salvatore Debono, sa meta sar dan it-testment, kien jamministra l-beni tagħha mingħajr qatt ma rċieva minn għandha l-kumpens dovut lilu għal din l-amministrazzjoni, u in vista tal-kumpannija kontinwa, ta' serviġi ġjornaljeri, kuri, assistenzi u premuri li huwa dejjem wera *magħha u dejjem irrendielha;*

Illi l-konvenuta tissottometti li għandu jiġi stabbilit f'liema żmien Alberto Demartino rrenda s-serviġi li jiffurmaw l-oġġett tal-imsemmi legat rimuneratorju, u liema kienu l-prestazzjonijiet konnessi mal-amministrazzjoni tad-decujus u liema kienu dawk konnessi mas-serviġi l-oħra; għall-ewwel xorta ta' prestazzjonijiet topponi l-preskrizzjoni bijenali kontemplata fl-art. 2254(d) tal-Kodiċi Ċivili, billi mill-mewt ta' Alberto Demartino, li ġrat fl-10 ta' Diċembru 1949, sa meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, id-29 ta' Ottubru 1953, għaddew aktar minn sentejn; u għat-tieni xorta ta' prestazzjonijiet hija topponi l-preskrizzjoni kwinkwennali;

Illi din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli. Kif tajjeb jissottometti l-attur, l-azzjoni minnu eżerċitata mhix dik ta' likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens ta' serviġi jew ta' pres-

tazzjonijiet għall-amministrazzjoni, iżda hi azzjoni ta' eżekuzzjoni ta' legat imħolli mit-testatriċi ta' £50 fis-sena, b'bidu mis-sena 1930 u li sas-sena 1944 ma hemm ebda dubju fuqu; u għalhekk ma hemmx lok li jiġi stabbilit f'liema żmien is-serviġi ġew prestati, u l-istess f'hix kienu jikkonsistu, għaliex dan qalitu u ddeterminatu l-istess testatriċi. Dak li għandu jiġi stabbilit hu biss jekk Alberto Demartino, mis-sena 1944 sakemm miet, baqgħax jirrendi l-istess prestazzjonijiet ta' amministrazzjoni u serviġi lit-testatriċi kif kien jirrendihomlha mis-sena 1930 sas-sena 1944;

Illi għalhekk, kif jirrileva l-attur, il-preskrizzjoni applikabbli għal dan il-każ hi dik kontemplata mill-art. 885 tal-Kodiċi Ċivili, ċjoè ta' għaxar snin mill-apertura tas-suċċessjoni ta' Marianna Debono dei Conti Ciantar, li, kif tammetti l-konvenuta, mietet fil-21 ta' Lulju 1951; u għalhekk l-azzjoni tal-attur mhix preskritta, għaliex mill-imsemmija data sad-29 ta' Ottubru 1953, meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, ma għaddewx għaxar snin;

Illi, del resto, kif ukoll tajjeb jissottometti l-attur, anki kieku kienet b'xi mod applikabbli l-preskrizzjoni bijennali msemmija mill-konvenuta, din il-preskrizzjoni ġiet interrotta bl-ittra uffiċjali tat-12 ta' Novembru 1951, imsemmija fiċ-ċitazzjoni, u li kopja legali tagħha tinsab fil-fol. 96 tal-proċess. billi mhux kontestat li Alberto Demartino miet fl-10 ta' Diċembru 1949;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, bl-ispejjeż kontra tagħha; u tiddifferixxi l-kawża għat-3 ta' Ġunju 1957, għat-trattazzjoni ulterjuri tagħha.